MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 213/2003

**Laga Company Limited**

**vs**

**Joe Balzan**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija u tmienja u tmenin Lira Maltin (LM1,788.00,0), liema ammont huwa dovut ghall-pozata tal-fidda provvduta fuq talba tal-konvenut stess;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-14 ta' Jannar tas-sena 2002 u tal-mandat ta' qbid numru 722/03 JA u bl-imghax mid-9 ta' Awissu tas-sena 2000**

**sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li sa minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-26 ta' Novembru tas-sena 2003 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------